**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**SETTEMBRU 2017**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 28 ta' Awwissu 2017 |
| **HIN:** | 10 minuti |

## NOTA GĦALL-EŻAMINATURI

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex l-istudenti jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti biex jitkellmu mill-inqas.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika:**

- l-irbit bejn idea u oħra;
- il-loġika tal-ħsibijiet;
- ir-relevanza ta' kull opinjoni għas-suġġett.

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

**(Total: 4 marki)**

b. **L-Espressjoni:**

- l-użu ta' Malti idjomatiku;
- l-użu ta' vokabularju wiesa';
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza.

**(Total: 6 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## GĦALL-EŻAMINATURI BISS

## Aktar ma tikber aktar titgħallem

- Ta' spiss nisimgħu min jgħid "Tikber u titgħallem". Għaliex taħseb li jgħidu hekk?
- Veru li aktar ma nikbru, aktar nitgħallmu? Għaliex?
- Il-kbar jibqgħu jiżbaljaw? Għaliex?
- X'taħseb li hija l-akbar differenza bejn it-tagħlim tal-iskola u t-tagħlim tal-ħajja? (Fl-iskola jagħtuk il-lezzjoni u wara jagħmlulek test/eżami biex jassessjawk. Fil-ħajja inti tgħaddi minn test/eżami (mhux miktub) li jgħallmek u jagħtik lezzjoni.)
- Il-ħajja mimlija lezzjonijiet ... ġieli kiefra u ġieli sbieħ. Tista' ssemmi xi ftit minnhom?
- Ġieli tgħallimt xi lezzjoni minn dak li għaddejt minnu? X'kienet din il-lezzjoni?
- Taħseb li l-karattru tal-persuna jagħmel differenza fil-ħajja u fil-mod kif din il-persuna tasal biex titgħallem minn dak li tesperjenza? Tista' tagħti xi eżempju?
- Taħseb li hawn min jibqa' ma jitgħallimx mill-esperjenzi li jgħaddi minnhom? Għaliex?
- Min għandu sehem fit-tagħlim li tieħu mill-ħajja u kif?
  - il-ġenituri/dawk li jieħdu ħsiebek;
  - il-ħbieb;
  - il-midja.
- Kulħadd huwa uman, kulħadd jista' jiżbalja. X'taħseb dwar dan?
- Taħseb li l-maħfra hija importanti wkoll biex wieħed jikber u jitgħallem? Tasal biex taħfer:
  - lilek innifsek?
  - lil ħbiebek?
  - lil min joffendik?
- Taħseb li biex titgħallem aktar huwa importanti li taċċetta lilek innifsek kif int? Għaliex?
- X'sehem għandhom il-midja u l-mezzi soċjali fil-proċess tat-tagħlim?
- Taċċettaha ċanfira mingħand ħaddieħor? Għaliex?
- Tasal biex iċċanfar lill-akbar ħabib/a tiegħek biex tagħtih/a tagħlima?
- Proverbju Żen jgħid: "Huwa bniedem għaref dak li jitgħallem mill-iżbalji tiegħu. Imma huwa bniedem iktar għaref dak li jitgħallem mill-iżbalji ta' ħaddieħor." Taqbel ma' dan il-qawl? Għaliex?
- Taħseb li l-esperjenza trid tkun għaddejt minnha personalment biex titgħallem minnha? Għaliex?
- X'sehem taħseb li għandhom il-paċenzja u l-perseveranza biex wieħed jitgħallem kemm suġġetti akkademiċi kif ukoll lezzjonijiet mill-ħajja?
- Jgħidu li l-akbar injorant huwa dak li ma jitgħallimx mill-iżbalji tiegħu. Taqbel ma' dan?
- Li titgħallem ifisser li żgur ma tagħmilx l-istess żball, jew li tgħaddi minn proċess ta' titjib personali?

**Kameras ma' kullimkien**

- X'taħseb mill-ammont ta' kameras li hawn madwarna u li kulma jmur qegħdin dejjem aktar jiżdiedu? Taħseb li issa qed nesaġeraw?
- Taħseb li għandna ninstallaw kameras:
  - f'postijiet pubbliċi bħal ħwienet, toroq, ġonna?
  - f'postijiet riservati bħal latrini jew kmamar fil-lukandi? Għaliex?
- F'xi postijiet partikolari, bħal sptarijiet, ċimiterji, xi partijiet tal-ajruport, eċċ. ma tistax tiġbed filmati bil-kamera tiegħek. Għaliex taħseb li huwa hekk? Taqbel li għandu jkun hekk? Għaliex?
- Taħseb li xi ħadd għandu dritt jirrikordjak mingħajr il-permess tiegħek (pereżempju, f'attività tal-massa)?
- Taħseb li l-kameras ta' sorveljanza huma meħtieġa fid-djar privati? Għaliex?
- Taħseb li l-kameras tas-sewqan (*speed cameras*) qed ikollhom l-effett mixtieq? Għaliex?
- Bosta sewwieqa tal-muturi u ċiklisti qed jinstallaw kameras saħansitra fuq il-'crash helmet' li jilbsu. Għaliex taħseb li qed jagħmlu hekk?
- Il-kameras fuq il-postijiet tax-xogħol – taħseb li dawn jistgħu jipproteġu lill-ħaddiema jew qed ikollhom influwenza ħażina fuq l-istess ħaddiema?
- Il-kameras tal-mowbajl – taħseb li dawn huma meħtieġa? X'inhu s-siwi tagħhom?
- Persuna għandu jkollha d-dritt li xxandar dak kollu li tirrikordja? Għaliex?
- Taħseb li l-irrekordjar bil-kameras għandu jitqies bħala xhieda suffiċjenti fil-Qorti? Għaliex?

***Jekk jogħġbok aqleb din il-paġna.***

## Il-ħsejjes madwarna

- Jeżistu bosta ħsejjes tan-natura. Tista' ssemmi xi wħud minnhom? Hemm xi ħsejjes minn dawn li jogħġbuk jew li jdejquk? Liema huma u għaliex jogħġbuk/idejquk?
- Hemm bosta ħsejjes artifiċjali, li ħoloqhom il-bniedem. Tista' ssemmi xi wħud minnhom u tgħid xi ħaġa dwarhom (eżempju: ħoss ta' makkinarju, ħornijiet tal-karozzi)?
- Hemm xi ħsejjes partikolari li nassoċjawhom mal-lejl jew inkella ma' ħinijiet oħra partikolari tal-ġurnata. Tista' ssemmi xi wħud minnhom u tgħid xi ħaġa dwarhom?
- Hemm xi ħsejjes li jbeżżgħuk? Għaliex?
- L-istess ħoss jista' jkollu effetti differenti f'ħinijiet u ċirkustanzi differenti. X'taħseb? Tista' tagħtini xi eżempji?
- Taħseb li hemm xi ħsejjes li jistgħu jiswewlna ta' ġid? (il-ħoss tal-'alarm' tal-arloġġ biex inqumu, l-'alarm' ta' xi sirena eż. li tavża li ġej il-maltemp, ħorn ta' karozza, eċċ.)
- Illum qed nitkellmu wkoll fuq it-tniġġis tal-istorbju ('noise pollution'). X'taħseb li hu dan u kif jista' jagħmel ħsara lil saħħitna?
- X'taħseb dwar il-ħsejjes esaġerati tad-diskoteki?
- Taħseb li l-ħsejjes jistgħu jaffettwaw il-burdata tagħna? Kif?
- Hemm min jgħid li jaħdem aħjar fl-istorbju, filwaqt li hemm oħrajn li jgħidu li ma jikkonċentrawx fuq xogħolhom jekk ikun hemm l-istorbju. Min taħseb li għandu raġun u għaliex?
- Il-kwiet sabiħ ... imma ħafna ma jissaportuhx għal ħafna ħin. X'taħseb?
- Taħseb li fil-ħemda u s-skiet tapprezza aktar dak ta' madwarek?
- Taħseb li teżisti l-arti tal-ħsejjes? Kif? – il-mużika.
- L-ilħna u l-vuċijiet tan-nies huma wkoll parti mill-ħsejjes ta' madwarna. Taħseb li dawn jistgħu jinfluwenzawna f'ħajjitna? Kif?
- Il-lingwa hija sensiela ta' ħsejjes. Taqbel?
- Il-ħsejjes u l-liġi. Taqbel mal-ħin stabbilit li fih nistgħu nagħmlu l-ħsejjes?
- "L-għajjat nofs il-bejgħ" jgħid il-qawl. X'taħseb li jfisser dan il-qawl? Taqbel ma' dan il-qawl? Għaliex?

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**SETTEMBRU 2017**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 28 ta' Awwissu 2017 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Aktar ma tikber aktar titgħallem

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IM22ok.17s**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL INTERMEDJU**
**SETTEMBRU 2017**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 28 ta' Awwissu 2017 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Kameras ma' kullimkien

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
SETTEMBRU 2017

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-ORAL |
| **DATA:** | 28 ta' Awwissu 2017 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

## GĦALL-KANDIDATI

Suġġett għad-diskussjoni:

# Il-ħsejjes madwarna

**(Total: 10 marki)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL INTERMEDJU
SETTEMBRU 2017

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **DATA:** | 31 ta' Awwissu 2017 |
| **ĦIN:** | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.
Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.

## TAQSIMA A: KOMPONIMENT ĠENERALI

**Agħżel suġġett WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.**

1. Id-dixxiplina u r-rispett jimxu id f'id.
2. Jien aħjar minn hekk.
3. Ritratt.
4. Il-lejl mhux ta' mistrieħ għal kulħadd.
5. Imnalla ma laħqitx tal-linja dakinhar.
6. Il-kif aħjar mill-kemm.

**(Total: 30 marka)**

## TAQSIMA B: KOMPONIMENT FUQ IL-LINGWISTIKA

**Wieġeb mistoqsija WAĦDA biss. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.**

1. Bosta jsostnu li l-lingwa ma tistax tiżviluppa jekk ma titħallatx. Fid-dawl ta' din l-istqarrija, ikkummenta dwar it-taħlit grammatikali u lessikali fi lsienna.

2. Ikteb dwar l-ambigwità lingwistika li joħolqu l-omofoni u l-omografi.

3. L-istudju tal-morfoloġija jinkludi l-analiżi tal-għeruq u z-zkuk, il-prefissi u s-suffissi, u morfemi oħrajn. Iddiskuti din l-istqarrija u uri kif tapplika fil-każ tal-istruttura morfoloġika tal-Malti.

**(Total: 20 marka)**

*Jekk jogħġbok aqleb il-paġna.*

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA Ċ: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA – IL-POEŻIJA

**Wieġeb mistoqsija WAĦDA b'referenza għax-xogħlijiet tal-poeti tas-seklu għoxrin li studjajt.**

1. Oliver Friggieri jistqarr li "mkejjen differenti tal-pajsaġġ Malti jsawru bejniethom bħal santwarju ideali, bejn fiżiku u bejn psikoloġiku" li fih il-poeti jistgħu josservaw u jirriflettu dwar kulma jaraw. Iddiskuti.

2. Għall-poeti Romantiċi l-istorja ta' nazzjon ċkejken twasslu biex isir poplu sħiħ u magħqud, kburi bih innifsu u ħerqan li jikseb jeddijietu. Għall-poeti Moderni l-istorja ta' ġensna kienet xort'oħra. Iddiskuti din id-differenza billi tirreferi għall-poeżiji li studjajt.

**(Total: 20 marka)**

## TAQSIMA D: KOMPONIMENT FUQ IL-LETTERATURA – IN-NARRATTIVA / ID-DRAMA

**Wieġeb mistoqsija WAĦDA. Importanti li ssaħħaħ l-argumenti tiegħek bl-eżempji.**

1. F'*Leli ta' Ħaż-Żgħir*, ta' Ġużè Ellul Mercer jingħad li "l-akbar faraġ ta' qalb il-bniedem – ir-Reliġjon." Iddiskuti kif ir-reliġjon fil-ħajja tas-soċjetà fir-rumanz, taffettwa l-imġiba tan-nies u ta' Leli.

2. Fir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir*, is-Sur Kelin jistqarr ma' Leli li jridlu l-ġid u li jħobbu daqslikieku kien ibnu. Iddiskuti l-forom differenti tal-figura paterna li jidhru fir-rumanz.

3. Id-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer iseħħ f'"belt tkun fejn tkun, iżda, ma jistax jonqos, f'din id-dinja". Uri kif id-dramm jista' jiġi applikat għas-soċjetà tagħna kif ukoll għal soċjetajiet oħra madwar id-dinja.

4. Il-mewt tal-protagonist fl-aħħar tad-dramm *Menz* ingħatawlha bosta interpretazzjonijiet. Iddiskuti.

**(Total: 20 marka)**